# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 6 ta' Frar tas-sena 2002.**

**Numru 7**

**Avviz numru 853/01/SM**

**Hotel Bernard Ltd**

**vs**

**Incoming Travel Bureau**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlitt elef mija u sebghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (LM3,770.25,0) dovuta minnha lis-socjeta' attrici u rapprezentanti servizzi resi lilha mis-socjeta' attrici kif indikat f'diversi talbiet ghall-hlas li ntbaghat lilha;**

**Bl-interessi legali reservati u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali li giet ipprezentata f'din l-Onorabbli Qorti fil-hamsa ta' Settembru 2001, (5.09.2001), u li giet innotifikata lill-konvenut fil-**

**hdax ta' Settembru ta' l-istess sena, skond il-ligi. Illi s-socejta' konvenuta hija ngunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socejta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma deheritx, la fl-31 ta' Jannar tas-sena 2002 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**